QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001

Numru 15
Citaz. Nru. 1381/95 FDP

Patrick Meli f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` E. Calleja & Sons Limited

Vs

Karl Bonello bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Kurrier Developments Limited; u b'digriet ta'l-10 ta' Gunju 1998 l-isem "Kurrier Developments Limited" ghandu jinbidel ghal "Kurrier Holdings Limited"

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-5 ta' Ottubru 1995 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici bieghet u forniet lis-socjeta` konvenuta merkanzija u oggetti liema valur jammonta ghal elf sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1681.26);

Illi l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1681.26) bhala prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjati;

Bl-imghax u l-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-7 ta' Awissu 1997 tal-konvenut *nomine* fejn exxecpixxa:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta` konvenuta mhix il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u titlob ghalhekk li tigi lliberata mill-

osservanza tal-gudizzju, stante li s-socjeta` eccipjenti qatt ma kellha ebda relazzjoni kummercjali mas-socjeta` attrici, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma wkoll eccessivi;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat in-noti ta' sottomissjonijet tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:-

Illi mill-i*statements* tas-socjeta` attrici E Calleja & Sons Ltd (esebiti a fol 5, fol 34-35, fol 40-41 tal-process), jirrizulta li s-socjeta` Kurrier Holdings Limited kellha kont bin-numru KH101 ma' l-istess socjeta` attrici relattiv ghall-konsenji ta' merkanzija li kienet tbieghlha u tfornilha;

Illi peress li din il-kawza giet intavolata kontra Karl Bonello f'isem Kurrier Developments Limited, gie eccepit li l-istess Kurrier Developments Limited ma kinitx il-legittima kontradittrici u

intalab li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Il-Qorti tosserva li fl-Udjenza ta' l-10 ta' Gunju 1998, id-difensur ta' l-attur *nomine* talab li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-kliem "Kurrier Developments Limited" jinbidlu ghal "Kurrier Holdings Limited". Id-difensur tal-konvenut *nomine* ma oggezzjonax u fil-fatt saret il-korrezzjoni f'dan is-sens;

Fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Mejju 1999, il-konvenut *nomine* ikkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa dovut minn Kurrier Holdings Limited u li fil-fatt il-hlas kien isir mill-istess socjeta`;

Illi ghalhekk in vista tal-korrezzjoni fl-okkju il-Qorti mhix ser tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni;

Illi jirrizulta li fil-mori tal-kawza saru xi pagamenti da parti tas-socjeta` konvenuta, u fil-fatt giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni fl-10 ta' Gunju 1998 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghal mija sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm157.62). Joseph Borg Marks ghas-socjeta` attrici fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Novembru 1998 ikkonferma li stante xi pagamenti, il-bilanc kien nizel ghall-ammont ta' Lm157.62. Dan jirrizulta anke mill-istatement a fol 40 tal-process fejn jidher li l-ahhar pagament ta' Lm450 akkont sar fl-10 ta' Settembru 1997;

Illi ma jirrizultax li saru xi pagamenti ohra mill-10 ta' Settembru 1997 sallum, u ghalhekk

jidher li l-bilanc ta' Lm157.62 ghadu pendenti. Dwar it-tieni eccezzjoni, u cioe` li l-ammont mitlub huwa eccessiv, kif osserva l-attur *nomine* fis-sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut *nomine* qatt ma specifika u lanqas indika fejn ma kienx qed jaqbel ma' l-i*statements* li kienu inhargulu. Huwa qatt ma ressaq xi prova dwar l-eccessivita` ta' l-ammont. Di piu` jigi osservat li is-socjeta` konvenuta ghamlet pagamenti akkont fil-mori tal-kawza, u ma jirrizultax li meta saru l-istess pagamenti saret xi riserva dwar dak allegat fit-tieni eccezzjoni;

Illi jirrizulta ukoll li f'xi stadju tal-kawza (ara verbal, fol 38) kien hemm il-possibilta` li jintlaqhaq ftehim, pero` t-trattattivi ma kinux irnexxew;

Illi ghalhekk jidher li l-bilanc ta' mija sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm157.62) ghadu dovut;

Illi pero` dwar il-kap ta' l-ispejjez il-Qorti fliet bir-reqqa it-tlett dokumenti esebiti u tosserva li ghalkemm il-fax esebit mac-citazzjoni juri li fil-31 ta' Ottubru 1994 il-bilanc dovut kien Lm1681.26, dak rizultanti miz-zewg dokumenti l-ohra a fol 34 u 40 tal-process, wiehed esebit mis-socjeta` konvenuta u l-iehor minn dik attrici stess, it-tnejn jindikaw li fl-istess data il-bilanc kien ta' Lm1157.62;

Illi mid-dokument pprezentat mill-istess socjeta` attrici (fol 40 tal-process) jirrizulta li wara dik id-data saru zewg pagamenti kif xehed Joseph Borg Marks ghas-socjeta` attrici; imma waqt li hu

xehed li "*wiehed minnhom kien ta' elf lira Maltin u sar fl-1997*" iz-zewg pagamenti akkont kienu wiehed ta' Lm550 u l-iehor ta' Lm450;

Illi ghalhekk jidher li fil-mori tal-kawza sar biss hlas ta' Lm1000; ghalhekk jekk is-socjeta` attrici taqbel li wara dan fadal bilanc ta' Lm157 allura kien ovvju li l-ammont li kien dovut meta giet ipprezentata c-citazzjoni kien Lm1000 + Lm157 u mhux Lm1681.26;

Dan ifisser li jrid ikun hemm qasma fil-hlas ta' l-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta hlief ghal dik ta' eccess fl-ammont mitlub;

Tilqa' t-talba attrici limitatament fis-sens li l-konvenut *nomine* ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' mija sebgha u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm157.62); bl-imghax kif mitluba;

L-ispejjez jithallsu terz (1/3) mis-socjeta` attrici u zewg terzi (2/3) minn dik konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur